# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## SEDE CIVILI

## MAGISTRAT: DR. DENNIS MONTEBELLO B.A., LL.D

## SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 19 T'OTTUBRU 2001

**Avviz 2418/98DM**

Elmo Insurance Services Limited u b'nota tat-8 ta' Frar 2000 Elmo Insurance Agency Ltd ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija estera assikuratrici Royal and Sun Alliance Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Ritienne Paris qed tassumi l-atti minflok Elmo Insurance Services Limited ghan-nom in rapprezentanza tal-kumpanija estera Sun Alliance and London Insurance plc bhala assikurata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Ritenne Paris taht il-Polza u taht il-ligi u taht il-polza kif ukoll tal-istess Ritienne Paris

Vs

Ronald Gerada u lil Denis sive
Dennis Desira

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenuti sabiex ihalsu is-somma ta' erba` mija u tnejn u disghin lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm492.58) danni kagunati mill-konvenuti jew min minnhom fil-karozza KAC 838 tal-attrici Paris meta il-konvenuti fis-26 ta' Gunju 1997 f'Dejma Road, Fgura, tort taghhom jew min minnhom, fil-waqt li l-konvenut Gerada kien qed isuq il-karozza LAJ 554 u l-konvenut Desira kien qed isuq il-karozza LAI 215, ikkagunaw kollizjoni mal-imsemmija karozza KAC 838 tal-attrici Paris assikurata mal-kumpanija attrici, kwantu ghas-somma ta' tlett mija, sbatax il-lira Maltin, tmienja u hamsin centezmi (Lm317.58) lill-kumpanija attrici bhala s-somma mill-atturi sbursata taht il-polza u kwantu ghas-somma ta' mija u hamsa u sebghin liri Maltin (Lm175) lill-attrici Paris bhala s-somma li batiet 'de proprio', previa id-dikjarazzjoni li ghal dan l-incident il-konvenut – jew min minnhom – kien responsabli minhabba imprudenza, negligenza, u inosservanza ta' regolamenti.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri ufficjali tat-13 ta' Marzu u 23 t'Ottubru 1998 u dawk tal-ittra ufficjali kontestwali kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut Gerada u bl-imghax ta' 8% mit-23 t'Ottubru 1998 kontra l-konvenuti li gew ingutni ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Ronald Gerada fejn eccepixxa illi:

1. Dak li talbu l-atturi ghandu jigu michud bl-ispejjes ghax ghall-incident stradali in kwistjomi kienet tahti l-istess Ritienne Paris.
2. Salvi eccezjonijiet ohra premessi mil-ligi.

Rat il-verbal tal-10 ta' Mejju fejn l-atturi pprezentaw kapitolu ghas-subizzjoni fil-konfront tal-konvenut Dennis Desira.

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet ta' l-konvenut Ronald Gerada pprezentata fl-24 t'Awissu 2001.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollh atal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi, ghalkemm il-konvenut Denis sive Dennis Desira ma deherx biex jikkontesta t-talbiet tal-atturi u lanqas ma deher biex jirrispondi ghad-domandi in-subizzjoni pprezentati mill-atturi, u ghalkemm dan l-istess konvenut ghandu jkun tenut li ammetta r-responsabilita` esklussiva ghall-kollizzjoni in kwistjoni, l-atturi baqghu jinsistu li anke l-konvenut Ronald Gerada kkontribwixxa fir-responsabilita` ghall-istess kollizzjoni.

L-attrici Ritienne Paris issostni li rat il-vetturi misjuqa mill-konvenuti qed jippikaw ma xulxin, b'wahda taqla lill-ohra, osservat li laqtu lil xulxin u li dik ta' Gerada qasmet il-linja divizorja u, ghalkemm waqfet f'daqqa l-vettura ta' Gerada baqghet diehla fiha.

Minn naha tieghu il-konvenut issostni li huwa ma habatx ma' Desira, izda waqt li kien qed isegwih lemah lill-attrici Paris gejja ghal fuqu u dahlet fil-karreggjata tieghu u ma setax jevitaha.

F'din il-verzjoni, il-konvenut huwa konfortat mill-isketch esebit minn PS 679 Salvu Camilleri li nvestiga l-kaz.

F'dan l-isketch, l-istess ufficjal indika wkoll il-qisien tad-distanzi tal-vetturi miz-zewg nahat tat-triq, oltre li indika wkoll il-wisa` tat-triq.  Dawn il-mizuri, flimkien mat-trajjetorja tal-vettura ta' Gerada stabbilita` bil-'brake marks' indikati, jistabilixxu konklussivament illi l-habta grat oltre n-nofs tat-triq u fil-karreggjata tal-konvenuti Gerada u Desira.

Dan kien ikun sufficjenti biex jeskludi r-responsabilita` tal-konvenuti, izda l-attrici Paris issostni li giet sorpriza bil-mod ta' sewqan tal-konvenuti li habtu ma' xulxin waqt li kienu qed jippikaw u kien il-konvenut Gerada li dahal fiha waqt li kienet wieqfa.

F’din l-allegazzjoni hija kkorraborata minn xhud okkulari, Mary Mizzi u mis-segwenti cirkostanzi.

Infatti, PS 979 Camilleri irriskontra hsarat fuq iz-zewg vetturi tal-konvenuti u l-istess zewg konvenuti ‘a tempo debito’ kienu ammettew mal-istess ufficjal illi habtu ma’ xulxin.  Kieku mhux ghalhekk ma huwiex spjegat ghaliex il-konvenut Desira qed isuq quddiem il-konvenut Gerada kellu jieqaf ukoll u jistenna ukoll il-wasla tal-pulizija.

Ghalhekk issib illi huwa wkoll verosimili li z-zewg konvenuti kienu qed jippikaw u dan is-sewqan traskurat kien fattur li kkontribwixxa biex fixkel lil Paris, wassal ghal habta bejn il-konvenuti u fixkel lil Gerada fil-manuvra tieghu biex jevita lil Paris.

Ghalhekk ukoll issib li anke l-konvenut ghandu grad ta’ responsabilita` ghal kollizzjoni ‘de quo’, wara li ttiehdu in konsiderazzjoni ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, tistabilixxi dan il-grad bhala wiehed ta’ ghoxrin fil-mija (20%).

Mill-provi dwar id-danni jirrizulta sodisfacentement ippruvat illi dawn ammontaw ghas-somma kumplessiva ta’ Lm 492.58, in kwantu ghal Lm317.58 dovuti lill-atturi Elmo Insurance u Lm 175 lill-attrici Paris.

Konsegwentament tikkundanna lill-konvenut Gerada sabiex ihallas lil-atturi 20 fil-mija tal-istess danni u tikkundannah, ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, li jhallas lill-atturi Elmo Insurance is-somma ta' Lm 63.52 u lill-attrici Ritienne Paris is-somma ta' Lm 35 oltre l-imghax legali mit-23 t'Ottubru 1998.

Ir-responsabilita rimanenti ta' 80% ghandha tigi mghoddija fuq il-konvenut l-iehor Denis Desira li ma deherx ghas-subizzjoni u ghalhekk tikkundannah li jhallas lill-atturi Elmo Insurance is-somma ta' Lm 254.06 u s-somma ta' Lm 140 lill-attrici Paris, oltre l-imghax legali mit-23 t'Ottubru 1998.

Bl-ispejjez jithallsu in kwantu ghal 1/5 mill-konvenut Gerada u 4/5 mill-konvenut Desira.

Magt. Dr. D. Montebello B.A., LL.D.

S. Farrugia

Dep/Reg